MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 252/2006

**Rita Naudi**

**Vs**

**Carmela Burlo' u L.L.M.A. Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tal-attrici li talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna l-konvenuti jhallsu flimkien, jew min minnhom, is-somma ta' elf u erbghin lira Maltin (Lm1,040), illum ekwivalenti ghal elfejn, erba' mija u tnejn u ghoxrin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€2,422.55), rapprezentanti senserija u servizzi rezi minnha ghall-bejgh u xiri tal-appartament internament immarkat bin-numru erbgha (4), fil-blokk bla numru bl-isem 'Arzella', fi Triq J.

Quintinus, Qawra, limiti ta’ San Pawl il-Bahar u kif ahjar deskritt fil-kuntratt pubbliku datat 8 ta’ Lulju, 2005 fl-atti tan-Nutar Dr. Joanne Lia.

Bl-ispejjes, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 9 ta’ Dicembru, 2005 u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv.
Ra r-risposta tas-socjeta’ L.L.M.A. Company Limited li ecceppiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi:-

1. L-attrici qatt ma pprestat servigi lill-eccipjenti u wisq anqas ma pprestat ruhha bhala sensara u anqas bla ebda mod ma kienet strumentali fin-negozjati u konkluzjoni tal-bejgh in kwistjoni.

2. Salv Eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra l-attrici.

Ra r-risposta tal-konvenuta Carmela Burlo’ li ecceppiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante:

1. L-attrici ma ghamlet ebda xoghol ta’ senserija ghall-bejgh u xiri tal-appartament 4, ‘Arzella’, Triq J. Quintinus, Qawra.

2. Illi l-bejgh u x-xiri tal-istess appartament sar unikament u direttament bejn il-konvenuta Carmela Burlo’ u s-socjeta’ konvenuta L.L.M.A. Ltd u dan minghajr intervent tal-attrici, li ma rrendiet ebda servigi sabiex sar in-negozju.

3. Illi ghalhekk il-pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta’ Jannar, 2006.

Ra x-xhieda tal-attrici Rita Naudi li tirrisjedi fi Flat 1, 'Arzella Flats', Triq J. Quintinus, Bugibba. L-appartment, mertu tal-kawza odjerna kien jinstab fl-istess blokk.

Tisjega kif fil-gallerija tal-appartmaent fejn kienet tirrisjedi kien hemm sinjal "*For Sale*," u darba fost ohrajn kienet waqqfet il-konvenuta Burlo' sabiex isaqsi lin-neputija taghha jekk kienx hemm xi appartamenti ghall-bejgh.

Tghid li n-neputija kienet infurmat lil Burlo', li mhux l-appartament tal-attrici kien ghall-bejgh, izda kien hemm appartament iehor li kien ghall-bejgh.

L-attrici ispjega kif hi kienet hadet lil Burlo' sabiex tara l-appartament li kien fuq u kien jinstab ghall-bejgh. Meta Burlo' qaltilha li kienet interessata, kienet cemplet bin is-sid tal-appartamenti, certu Lawrence Cassar, u kienet infurmatu li seta' kien hemm xi xerrejja potenzjali. Kien staqsiha jekk kienitx semmiet il-prezz tal-bejgh u kienet qalet li dan ma kienx minnu. Kienet pero' talbitu s-senserija, izda hu ma kienx accetta u kellha ghalhekk tinvolvi l-Avukat.

Tghid li Cassar kien qallha li jekk Naudi terga' tmur kellha tinfurmahom li l-prezz kien ta' hamsa u sebghin elf lira Maltin (Lm75,000), u cioe' llum ekwivalenti ghal mija u erbgha u sebghin elf u seba' mija u tlett Euro (€174,703.00), u kien talabha tnehhi t-tabella li kellha ghall-bejgh.

Meta kienet talbitu jnehhi t-tabella kien talabha biex thalliha hemm ghaliex l-appartament taghha kien jinstab fil-baxx u ghalhekk kien f'posizzjoni tajba, izda meta sar jaf li kien hemm xi nies interessati nehhiha.

L-attrici tghid li kienet infurmat lil Burlo' li kienet intitolata ghas-senserija, izda bdiet tibza' li s-sid ma kienx ser inaqqsilha mill-prezz tal-bejgh.

Minkejja li l-appartamenti kienu miftuhin, Burlo' dejjem kienet marret titlob lill-attrici sabiex terga' tarah l-

appartament. Kienet marret madwar tlett (3) darbiet, u kull darba kienet tmur ma’ nies differenti.

L-attrici qatt ma kienet prezenti meta sar il-konvenju u lanqas meta gie iffirmat il-kuntratt. Fil-fatt, tghid li Burlo’ ma kienitx infurmataha u saret taf biss meta rat diversi gebel fil-kuritur u kienet halliet nota sabiex ma jithalliex hmieg. Kienet marret tkellimha Burlo’ u kkonfermatilha li kienet akkwistat l-appartament numru erbgha (4).

L-attrici tghid li hi ma kienitx prezenti meta saret l-ewwel (1) laqgha bejn Cassar u Burlo’. Pero’ kienet dahlet l-ewwel darba sabiex tara dan l-appartament minhabba li kienet kellmitha u talbitha biex tidhol fil-blokk. Jekk riedet setghet tikkommunika mas-sid direttament ghaliex fuq it-tabella kien hemm in-numru fejn seta’ jigi kkuntatjat.

Tghid li s-senserija li hija intitolata ghalih hija dik li haqqha fuq il-valur ta’ tnejn u hamsin elf lira Maltin (Lm52,000), u cioe’ llum ekwivalenti ghal mija u wiehed u ghoxrin elf u mija u sebgha u ghoxrin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€121,127.42).

Ra x-xhieda ta’ Mary Apap, li hija l-mara tan-neputi tal-attrici. Tikkonferma illi meta darba minnhom kienet qeghda tnaddaf ghand l-attrici, kienet ghaddiet il-konvenuta Burlo’ li kienet talbitha jekk l-appartament taz-zija kienx ghall-bejgh jew le u dan peress mal-gallarija tal-attrici kien hemm tabella li tghid ‘*Luxury Flats for Sale*.”

Din Burlo’ kienet talbitha sabiex iddawwarha mal-appartament taghha u mbaghad kienet telghetha sabiex tara l-appartamenti ta’ fuq li kienu ghall-bejgh. Dakinhar tikkonferma li kien hemm prezenti Emanuel Buttigieg.

L-attrici u Burlo’ kienu skambjaw xi numri telefonici.

Ra x-xhieda ta’ Emanuel Buttigieg li hu relatat mal-attrici. Jikkonferma ukoll li Burlo’ kienet dahlet biex taraha l-appartament tal-attrici, flimkien ma’ binha. L-attrici kienet spjegatilhom li l-appartament taghha ma kienx ghall-bejgh, izda kien hemm appartamenti ohra li kienu.

Jikkonferma li Naudi kienet tellghet lill-konvenuta fuq sabiex tara l-appartamenti l-ohra u mbaghad nizlu, u l-attrici kienet ghaddiet in-numru tas-sid lill-konvenuta.

Buttigieg kien issuggerixxa lill-attrici sabiex tikkomunika mas-sid biex tghidlu x'kienet ghamlet. Semghet minnu u kienet kellmet lil bin is-sid u kienet tatu d-dettalji ta' Mrs. Burlo'.

Kien hemm darb'ohra meta l-konvenuta Burlo' kienet giet biex terga' tara l-appartament flimkien ma' nies ohra li ma kienux t-tfal taghha. Uriethom l-appartament tal-attrici, kif ukoll telghet tara l-appartament li kien ghall-bejgh.

Burlo' kienet staqsiet lill-attrici, jekk kienitx qiedgha tippretendi senserija u meta l-attrici kkonfermat hasset li s-sid ma kienx ser inaqssilha mill-prezz.

Kien hawn li l-attrici, fuq parir tieghu, kienet ikkomunikat mas-sid tal-appartamenti u dan kien talabha li kull min kien jigi, li l-prezz li kien qed jitlob kien ta' hamsa u sebghin elf lira Maltin (Lm75,000), u cioe' ekwivalenti ghal mija u erbgha u sebghin elf u seba' mija u tlett Euro (€174,703.00).

Il-konvenuta kienet giet it-tielet (3) darba, u kien ghalhekk li l-attrici regghet ikkomunikat mas-sid Cassar u talbitu s-senserija. Bin Cassar kien qallha li ma kienitx involuta fl-affari u ghalhekk ma kienx ser jaghtiha ebda senserija. Imbaghad kien is-sur Cassar li kien beda jheddidha.

Kien zmien wara li l-attrici saret taf li kien sar il-bejgh tal-appartament lill-konvenuta Burlo' u li kienet akkwistat garaxx ukoll bil-valur ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000), u cioe' ekwivalenti ghal tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebghin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24).

Ix-xhud jikkonferma li qatt ma saru laqghat bejn Burlo', Naudi u s-sid Cassar, pero' l-attrici kienet cemplet lis-sid kemm -il darba.

Jispjega li ma kienx hemm ghalfejn jissugerixxi lill-attrici li kienet intitolata titlob is-senserija ghax kienet ilha taghmel dan ix-xoghol.

Ix-xhud ighid li l-attrici kienet intitolata ghas-senserija peress li kienet uriet l-appartament lill-Burlo’ tlett (3) darbiet.

Ix-xhud jispjega li l-bieb principali dejjem kien maghluq u sabiex jidhlu kellha bilfors tiftah l-attrici. Kienu gew xi tlett (3) darbiet u kull darba kienet idawwarhom l-attrici. L-attrici qatt ma kienet prezenti ghan-negozjati, aktar u aktar meta l-konvenuta kienet naqset li tinfurmaha li kienet waslet ghall-ftehim mas-socjeta’ konvenuta.

Ra x-xhieda ta’ Carmela Burlo’ li tispjega li, waqt li kienet il-Qawra ma’ xi familjari, kienet qed tfittex xi appartament fl-inhawi. Kienu qed inizzlu in-numri fejn kien hemm tabelli sabiex icemplu u jaraw kemm kien hemm kmamar tas-sodda. Meta kienu ghaddew minn hdejn l-appartamenti, mertu ta’ dina l-kawza, kien hemm numru tas-sur Cassar u t-tifel tal-konvenuta Burlo’ kien nizzel in-numru.

Nel frattemp, kien hemm l-attrici ma’ xi haddiehor li kienu qed inaddfu u Burlo’ kienet staqsiethom jekk kienux qed inaddfu l-blokk.

Kien hawn li l-attici stednithom sabiex jaraw l-appartament taghha u tghid li ma kienx telghu fuq fl-appartament li sussegwentement kienet xtrat. Tinnega li l-attrici kienet telghet maghha madwar tlett (3) darbiet sabiex jaraw l-appartament.

Kien wara li telqu mill-appartament tal-attrici li kienu telghu fuq.

Il-konvenuta tinsisti li kienet cemplet lis-sid Cassar u talbitu sabiex tara l-appartament u kien qallha li setghet tidhol meta xtaqet ghaliex il-bieb komuni kien miftuh.
Il-konvenuta Burlo’ tinsisti li Naudi qatt ma kienet prezenti maghha u ma’ Cassar, lanqas ghall-konvenju u lanqas

ghal-kuntratt. Tispjega li wara qatt ma kienet rat lill-attrici. Tichad li l-attrici kienet ikkomunikat mas-sur Cassar.

Il-konvenuta tinsisti li l-attrici qatt ma semmiet li kienet intitolata ghas-senserija u tichad ukoll li kienet rrispondiet lill-attrici li bezghet li jekk tinsisti ghas-senserija, ma kienx ser inaqqsilha mill-prezz.

Tghid li kien madwar xahar jew xahar u nofs wara li kienet rat l-appartament l-ewwel darba li ddecidew li jixtruh.

Ra x-xhieda ta’ Twanny Burlo’, bin il-konvenuta Burlo’ li jikkonferma li kien ma’ ommu meta kien marru jaraw l-appartament in kwistjoni. Kienu tkellmu mal-attrici li kienet uriet l-appartament taghha lill-ommu u lilu. Hutu l-ohra, li kienu maghhom, kienu baqghu telghin sabiex jaraw l-appartamenti li kienu ghall-bejgh.

Jikkonferma ukoll li kien huh li kien kiteb in-numru ta’ Cassar u kien imbaghad cempillu.

Ix-xhud jispejga li meta ltaqghu mal-attrici qatt ma kienet issemmiet senserija u lanqas ma ssemma xi prezz tal-appartament.

Ix-xhud jikkonferma ukoll li l-attrici qatt ma kienet prezenti ghall-konvenju u ghall-kuntratt u lanqas ghal-laqghat li kienu jsiru ma’ Cassar.

Jispjega wkoll li n-numru li kienet tathom l-attrici kien l-istess bhal dak tat-tabella, pero’ kienet halliet numru barra. Wara li rnexxielhom jikkomunikaw mas-sid kienu regghu marru jaraw l-appartament. F’dik l-okkazjoni ken rega’ ra lill-attrici

Ra x-xhieda ta’ George Cassar, *Managing Director* tas-socjeta’ konvenuta. Ighid li l-attrici kien jafha ghaliex kien bieghilha l-appartament. Ighid ukoll li kien biegh appartament lill-konvenuta, u n-negozjati kienu jsiru bejniethom u mat-tfal taghha. L-attrici qatt ma kienet prezenti ghall-konvenju jew ghall-kuntratt finali.

Jichad li qatt ta xi prezz tal-appartament lill-attrici u hu qatt ma kien qabbadha bhala sensar.

Kienu saru negozjati bejnu u l-konvenuta u kienu waslu ghal ftehim u sar il-bejgh, u kien wara dan li rcieva ittra minghand l-attrici b'talba ghas-senserija ghaliex kienet qed isostni li bi sforza taghha kien inbiegh l-appartament.

Jispjega li s-socjeta' konvenuta qatt ma kienet qabbditha bhala sensara u ghalhekk ma kienux disposti li jhallsu s-senserija.

Ra x-xhieda ta' Lawrence Cassar, li huwa wiehed mid-Diretturi tas-socjeta' konvenuta. Jikkonferma li kellhom blokk ta' appartamenti ghall-bejgh u jghid ukoll li kien hemm tabella mwahhla "*For Sale*" u fuqha kien hemm il-*mobile number* tieghu u referenza li dan kien in-numru tas-sid tal-appartamenti.

Jispjega li t-tabella kienet imwahhla hdejn il-bieb principal fil-*ground floor*. Jichad li kien hemm tabella fuq l-appartament tal-attrici. Jikkonferma li l-konvenuta Burlo' kienet cemplitlu u peress li kien imhabbat kien qallha sabiex tmur tara l-appartamenti ghaliex kellu l-haddiema. Kien ghalhekk li ssussegwentement, il-konvenuta xtrat l-appartament numru erbgha (4).

Ix-xhud ikompli jghid li b'kollox hu kien iltaqa' mal-konvenuta Burlo' xi darbtejn u darba kien kellimha fuq it-telefon. It-tieni (2) darba li kienu ltaqghu kienu ltaqghu fl-appartament, flimkien ma' xi familjari tal-konvenuta u kien hemm ukoll missier ix-xhud. Kienu ftehmu fuq il-prezz u ftehmu biex jiltaqghu fl-ufficcju tieghu. Din kienet it-tielet (3) darba li ltaqghu. Dan kien sabiex jiftiehmu fuq il-konvenju. Ix-xhud ighid li hu ma kienx prezenti ghall-konvenju u lanqas ghall-kuntratt. Tul dan iz-zmien l-attrici qatt ma semmiet.

Ix-xhud jichad li qatt ma rcieva telefonata minghand l-attrici fejn talbet il-prezz tal-appartament ghal Mrs Burlo.

Ra l-atti u d-dokumenti esebtiti.

Ikkunsidra

Il-gurisprudenza nostrana f'diversi okkazzjonijiet stabbilit x'inhu rikjest sabiex parti tkun intitolata ghall-senserija.

***"Il-gurisprudenza rilevanti fl-istat attwali tal-gurisprudenza Maltija jirreduci ruhu ghal dan, illi fil-kamp civili, jekk is-sensal ikun ikkoncilja l-partijiet dwar is-sostanzjali u l-accidentali tal-operazzjoni b'mod li n-negozju guridiku jigi konkluz allura jekk ix-xoghol tieghu ma jkunx koronat bl-ezekuzzjoni effettiva ghal xi raguni mhux tort tieghu, huwa ghandu dejjem dritt ghall-hlas, izda mhux ghas-senserija pjena, imma ghal kumpens in bazi tal-mandat jew lokazzjoni d'opera, fissabbli fid-diskrezzjoni tal-Qorti.***

***Gie ritenut illi biex imbaghad, fin-nuqqas tad-dritt ghal senserija, ikun hemm lok ghall-kumpens, introdott mill-gurisprudenza lokali, hemm bzonn li jkun hemm inkarigu espress jew tacitu, u xi xoghol li jkun ghamel il-medjatur.***

***Il-fatt li bniedem jaghti semplicement informazzjoni bla ma jaghmel xejn aktar ma jidhirx li hu intitolat ghal xi kumpens ghas-servigi.***

***Biex ikun hemm lok ghas-senserija hu rikjest li jkollok fis-sensal partecipazzjoni attiva fl-unjoni tal-kunsens. F'kaz li dan l-estrem ma jirrikorrix jista' invece jinghata kumpens korroletat mat-tahbit tas-sensal. Tali kumpens jigi ffissat arbitrio boni viri." – 'George Bonnici noe. vs Edwin Camenzuli' (1061/03 – PA deciza 28/03/2003).***

***"Dan ma jfissirx illi biex sensar ma jitlifx id-drittijiet tieghu hemm bzonn illi jsir att notarili tat-trasferiment. Hemm kazi fejn dan ma jsirx, eppure s-sensar ma jitlifx id-dritt ghall-kumpens, ghalkemm talvolta mhux intier, f'kaz ta' promessa vendita accettata, imma mbaghad mhux effettwata ghal fatt li mhix htija tas-sensar.***

***Hemm bzonn li s-sensar ikun irravicina l-partijiet ghal xi akkordju biex ikun intitolat ghal medjazzjoni proprjament hekk imsejha, jew ghal kumpens analogu u b'titolu tas-senserija. L-inezekuzzjoni tal-kontrattazzjoni minhabba l-fatt ta' wahda mill-partijiet, u mhux tas-sensar, ma tnehhilux id-dritt ghas-senserija, imma hemm bzonn dejjem, biex wiehed jista' jithadded fuq is-senserija, illi permezz tas-sensar kien hemm konkluzzjoni tan-negozju, cioe' riavvicinament tal-kunsens tal-partijiet fuq l-elementi formanti n-negozju." – 'Arthur Ebejer noe. vs John Farrugia' (PA 1108/93 deciza 12/12/01).***

Ghalhekk inghad li sabiex wiehed ikollu dritt ghas-senserija jehtieg li jkun gie accettat mill-partijiet involuti anke tacitament. Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna gie stabbilit:

***"….biex persuna tkun intitolata titlob senserija, jehtieg, fost affarijiet ohra, illi l-intromissjoni taghha tkun giet rikjesta jew accettata, anke tacitament, miz-zewg kontraenti; jigifieri hemm bzonn li z-zewg partijiet ikunu qabbdu jew almenu accettaw is-sensal bhala tali; u konsegwentement ma jirrikorrux l-elementi tas-senserija, izda ta' semplici "locatio operarum," meta l-persuna tkun intromettiet ruhha b'inkariku ta' "wahda biss" mill-partijiet". 'Vol. XLI P.II p.9 67'.***

Stabbiliti dawn il-principji regolaturi, jehtieg issa li jigu ezaminati l-fatti li taw lok ghal prezenti azzjoni biex jigi determinat jekk l-attrici intromettitix ruhha biex tghaqqad xi negozju guridiku mal-konvenuta b'mod li jintitolaha ghas-senserija jew *invece* wettqitx biss prestazzjoni li jintitolaha ghal kumpens jew retribuzzjoni, jew addiritura, ma kienitx timmerita l-ebda kumpens ghaliex ma kienet ghamlet xejn li talvolta tista' tintitolaha ghal xi forma ta' kumpens.

Mill-fatti kif jemergu f'din il-kawza, l-attrici uriet lill-konvenuta Burlo' l-appartament taghha u sussegwentement haditha tara l-appartament ta' fuq li

kien ghall-bejgh. Kienet l-istess konvenuta li kienet staqsietha dwar l-appartamenti u dan wara li kienet rat li kien hemm tabella "*For Sale*," u liema tabella kienet tindika n-numru tas-sid tal-blokka.

Kien wara li l-konvenuta kienet marret xi darbtejn fuq il-post, l-attrici ddecidiet li tikkomunika ma' Lawrence Cassar u tinfurmah li kien hemm xi persuni interessati fl-appartamenti li kellu ghall-bejgh.

Cassar, da parti tieghu, jichad li kien qal lill-attrici sabiex tghidilhom li l-prezz tal-appartament kien ta' hamsa u sebghin elf lira Maltin (Lm75,000), u cioe' ekwivalenti ghal mija u erbgha u sebghin elf u seba' mija u tlett Euro (€174,703), u jichad li kien accettaha bhala sensara. Anzi, in-negozjati kienu saru bejnu u l-konvenuta. Kienu ltaqghu sabiex jiddiskutu dwar il-konvenju, kif ukoll kienu regghu ltaqhu sabiex jaghmlu l-kuntratt. Kien hemm okkazzjoni ukoll meta l-konvenuta kienet marret wahedha biex tara l-appartament ghaliex kien hemm il-haddiema.

Ghandu jinghad li l-attrici, fl-ebda stadju ma nghatat xi rwol importanti f'dan il-bejgh u lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi ftehim tacitu.

L-attrici qatt ma kienet prezenti ghal negozjati fuq il-konvenju jew fil-gurnata li kellu jsir il-kuntratt finali. Dan il-fatt gie konfermat mhux biss minn Lawrence Cassar, sid il-bini u anke l-attrici stess.

Ghalhekk, wiehed iqis x'setghet ghamlet l-attrici biex tiggustifika t-talba taghha ghal senserija. Fir-realta', il-konvenuta kienet qed tfittex biex tixtri post x'imkien u kienet rat l-appartament, wara li ntebhet li kien hemm tabella "*For Sale*."

It-tifel taghha addiritura kien cempel lil Lawrence Cassar personalment wara li kien ha n-numru minn fuq it-tabella.

It-Tribunal ihoss li l-verzjoni tas-socjeta' konvenuta, kif anke dik tal-konvenuta, hija wahda attendibbli u legalment soda, fis-sens li jirrizulta abbundantement illi l-attrici qatt

ma hadet sehem attiva u intelligenti fin-negozju li setghu wasslu ghal ftehim bejn ix-xerrej u l-bejjiegh. Kienet biss involuta semplicement fit-tidwir tal-konvenuta madwar il-post u possibilment fl-ghoti ta' informazzjoni dwar kemm kien il-post ghalkemm dan hu kontestat.

It-Tribunal jaqbel mas-sottomissjoni tas-socjeta' konvenuta illi " ***jinsab ritenut ukoll illi bniedem li jaghti semplicement informazzjoni, …….., minghajr ma jaghmel xejn aktar ma jidhirx li hu intitolat lanqas ghal xi retribuzzjoni ghal servigi." - 'Alfred Antgnolo vs Louis Magri et noe'. App. 21 ta' Frar, 1996 Biex ikun hemm lok ghal tali kumpens hemm bzonn li jkun hemm inkarigu espress jew tacitu."***

Il-konkluzjoni li ghalhekk jasal ghaliha it-Tribunal hija li mhux biss ma jirrikorrux l-elementi tas-senserija, izda il-ftit interventi tal-attrici m'humiex tali li jaghtu lok ghal xi servigi peress li huma verament *de minimis.*

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------